MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2006

Numru. 527/2006

Il-Pulizija
(spettur Therese Sciberras)
vs
Kevin Camilleri

Illum 29 ta' Mejju 2006.

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli: fit-18 ta' Mejju 2006, f'San Pawl il-Bahar, f'xi hin bejn nofs inhar (1200hours) u is-saghtejn ta' wara nofsinhar (1400hours) ikkommetta serq, liema serq huwa ta' valur aktar minn LM2,000.00 (elfejn lira maltin) ghad-detriment ta' terzi persuni, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u wkoll bix-xorta tal-haga misruqa.

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Issib lill-akkuzat hati talli fit-18 ta’ Mejju 2006, f’San Pawl il-Bahar, f’xi hin bejn nofs inhar (1200hours) u is-saghtejn ta’ wara nofsinhar (1400hours) ikkommetta serq, liema serq huwa ta’ valur aktar minn LM2,000.00 (elfejn lira maltin) ghad-detriment ta’ terzi persuni, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u wkoll bix-xorta tal-haga misruqa.

Rat l-Artikoli 261 (c) (g), 267, 271, 279 (b), 280 (i) tal-Kodici Kriminali.

In rigward piena, wara li semghet lil partijiet;
Wara li kkunsidrat li l-akkuzat ikkollabora mal-pulizija;
Wara li rat li r-refurtiva kollha giet irkuprata u inghatat lura lis-sid taghha;
Wara li kkunsidrat li l-ammissjoni saret bi stajdu bikri tal-proceduri;
Wara li kkunsidrat li l-akkuzat, sallum, kellu fedina penali netta ghal kollox;

Il-Qorti tara li ghandha tapplika l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali abbinat mal-Artikolu 28G u dan minhabba l-problemi li ghandu l-akkuzat kemm familjari kemm in konnessjoni ma’ xoghol;

Ghalhekk il-Qorti tikkundanna lil akkuzat ghal sentejn prigunerija, liema piena hija sospiza ghal erba’ (4) snin, millum, bil-kundizzjoni li l-akkuzat ma jikkommettiex reat iehor soggett ghal prigunerija fl-istess zmien ta’ erba’ (4) snin.

In oltre il-Qorti tordna li fil-konfront tal-akkuzat tinhareg ordni ta’ supervizjoni ghal erba (4) snin taht l-ufficjal tal-probation li jigi hekk nominat skond il-ligi.

Il-Qorti spjegat din is-sentenza lil akkuzat u tordna li l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri jintbaghtu lil Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------